*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 50**

**Il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**50.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**50.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 47 li saret Nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2023:</u>***

**50.2.1** ***<u>Korrezzjoni tal-Minuti:</u>***

50.2.1.1 *Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 10 artiklu 48.7.4 is-Sindku qal illi hu u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kellhom laqgħa ma Infrastructure Malta u kellhom diskussjoni tajba mas-Sinjura Emelie Fenech u zewġ Periti oħra u qablu li l-ewwel li ser jibdew wara Triq l-Iskal hija l-ewwel biċċa ta Triq La Sengle min ħdejn Pjazza Dun Tarċis sa ħdejn il-muzew kif ukoll parti min Triq in-Naspli anke jekk il-Kunsill ma issuġġerijiex fil-lista ta' toroq. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi Triq l-Iskal qed issir bħalissa u bdew id-drenaġġi filfatt kien hemm komunikazzjoni mall kuntrattur biex il Kunsill ma joħroġx permessi f'din it-triq biex ikomplu bix-xogħol u l-programm hu li wara li titlesta din it-triq tinbeda Triq is-Silla għaliex hija twila immens wara hemm Triq il-Bajja, Triq San Nikola, Triq Santa Maria u Triq l-Għawwiema u huma raw li dan il-pjan huwa tajjeb u dan hu l-ewwel batch minn proġett fuq bazi ta' tlett snin.*

50.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li f'paġna 1 id-data għanda tinbidel għall-Ħamis.

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon daħlet għal-laqgħa fis-6.07pm.***

**50.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 49 li saret Nhar il-Ħamis 27 ta' April 2023.</u>***

**50.2.2.1** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 49.2.2.2 fejn qal illi l-istruttura li kellha tinbena wara il-Kunsill minħabba l-*mechanical sweeper* infatti mhux ser issir hemm imma ser titpoġġa fejn fil-preżent hemm il-kontejner tal-Bava u mhux ser tiġi applikata d-DNO għaliex din l-istruttura ser issir fuq ir-roti u anke ser jkun hemm provista tad-dawl u l-ilma u dan wara li kien iltaqa ukoll mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri rigward dan.

**50.2.2.2** Is-Sindku staqsa fuq paġna 2 paragrafu 49.2.2.3 fuq il-vann tal-elettriku li ser jiġi misjuq minn sewwieqa mislufa lilna mill-Home għaċ-Ċentru tal-Anzjani ta' matul il-jum.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif appena jidħol fil-laqgħa l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar jistaqsih fiex wasal dan l-agreement.

**50.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 49.2.2.6 fejn qal illi l-Kunsillier John B Camilleri flimkien mal-ħaddied tal-Kunsill sabiex taħt id-dar il-ħamra isiru *u shaped bollards*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li mportanti li jsiru għaliex il-ġurnata ta' qabel kienet ser taqa karozza.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-problema li hemm hija li peress li ma tantx wieħed ikun jista jddawwar il-karozza, wieħed jista jaqa l-baħar bil-karozza b'kollox.

**50.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 49.2.2.8 qal li kkomunika mas-Sinjura Corrine Caruana fi ħdan is-Supretendent tal-Cultural Heritage u talaba sabiex jibgħatu żewġ rappreżentanti sabiex jkunu preżenti waqt li jkun qiegħed jinġibed l-ilma li ta' ġewwa il-katakombi. Huwa kompla jispjega illi l-ilma sar *sample* tiegħu u mhux imħallat bid-drenaġġ allura Gejtu tal-bowser ser jieħdu għall-użu tiegħu u mhux ser jżomilna flus ta' xogħlu.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-6.18pm***

IS-Segretarju Eżekuttiv fakkar lil Kunsillier Dr Errol Cutajar fuq il-*managment agreement* tal-van tal-eletrikku.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar wieġbu li huwa rah u ser jkelmhu fuqu dalwaqt.

**50.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 49.2.2.10 rigward id-*doggy bins* fejn qed jsiru modifiki fuq id-*doggy bins* li għandna għaliex ċatti ma għandhomx jsiru.

**50.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 49.2.2.13 rigward il-Puluzija tal-komunita` fejn qal li dan ix-xahar kienu impenjati ħafna u ma ltaqgħux.

**50.2.2.7** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 49.3.5 fejn irringrazzja l-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru fejn irranġaw il-biċċa tal-promenade ta' Triq ix-Xatt u anke biċċa oħra fi Triq tal-Gardiel u anke għamlu żewġ konok u biċċa bankina żgħira fi Triq il-Blajjiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-ħajt ta' wara l-iskips ta' Triq il-Blajjiet tbaxxa minn 5 filati għal 2 filati.

Is-Sindku qal li ser jiċċekkja u filkas jerġa jinbena.

**50.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 49.3.7 it-tieni paragrafu fejn qal li dawn l-istudenti telqu lura.

**50.2.2.9** Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu 49.7.2 fejn qal illi il-petizzjoni tar-*road hump* inbgħatet lil TMalta.

**50.2.2.10** Is-Sindku tkellem fuq paġna 11 paragrafu 49.7.10 fejn qal li kellhu laqgħa mas-servizzi Ewropej f'Malta sabiex nippruvaw inġibu l-fondi minħabba l-organizzazjoni tal-AGM f'Malta fl-2025.

**50.2.2.11** Is-Sindku tkellem fuq paġna 12 paragrafu 49.9.1 fejn qal li tlabna lil TMalta minħabba l-*one way system* ta' Triq il-Lampuka.

**50.2.2.12** Is-Sindku tkellem fuq paġna 13 paragrafu 49.9.2 qal li saret talba lil Enemlta

**50.2.2.13** Is-Sindku tkellem fuq paġna 13 paragrafu 49.9.5 qal li l-ħaddiem tal-Kunsill qed jaħdem fuqha.

**50.2.2.14** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 49.2.2.1 jekk il-Perit marrietx tiċċekkja fuq il-luzzu ta' Triq id-Daħla ta San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri li apparti li kien iltaqa mal-kuntrattur kien iltaqa mal-Perit u għaddilha xi *sketches* u ritratti sabiex jkollha ideja ibbażata fuq il-luzzu li għamluh monument fl-Imġarr Għawdex u hemm bżonn li jitħaffef il-proċess fuqu għaliex jekk ser jibqa ċatt fuq il-ħamrija ser jispiċċa jiddeterjora.

Il-Viċi Sindku Janice Falzon qalet li avviċinawha l-Għaqda tad-dgħajjes tradizzjonali għaliex jixtiequ jgħinu biex il-luzzijiet li għanda jiġu restawrati kif support.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li qabel il-pandemija kien iltaqa mgħahom iżda wara l-pandemija kien tilef il-kuntatti tagħhom.

Il-Viċi Sindku Janice Falzon qalet li ser tgħaddilhu il-kuntatt.

Is-Sindku qal li tal-luzzu ta' Triq il-Blajjiet qed jiżebagħ minn artist iżda mhux b'mod tradizzjonali imma arti moderna.

Id-diskussjoni tkompliet bejn il-Kunsilliera għaliex id-deċizjoni kienet li jinżebagħ b'mod tradizzjonali. Il-fatt li kien imqabbad artist sabiex jiżbħu jfisser illi l-artist jiżbogħ dan il-luzzu bil-mod ta kif jinterpreta l-art hu u la il-xogħol beda kien hemm qbil li dan il-luzzu jitħalla kif inhu u il-luzzu ta' Triq id-Daħla ta San Tumas jsir b'mod tradizzjonali.

**50.2.2.15** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 49.2.2.4 jekk għandiex il-lista li tlabna tal-imwejjed u siġġijiet tal-ħwienet.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li aħna tlabna din il-lista ħalli inkunu nafu minn għandu permess tal-imwejjed u siġġijiet u minn għandu permess inkunu ukoll nafu il-footprint.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li dan id-dipartiment jrid li aħna ntuhom isem ta' ħanut u jiċċekkjaw fuqhu u mhux huma jtuna lista

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li fil-kas intugħhom lista tal-ħwienet kollha ta' Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huma jridu li aħna bħala Kunsill ngħażlu ħanut partikolari u ma jħossx li huwa ġust. Huwa kompla jgħid li la l-permessi joħorġuhom huma għandhom jkunu huma li jiprovdu l-lista ta minn għandu permess jew ma għandux.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta staqsa lil Lands għal informazzjoni irreferewh għad DLG iżda id-DLG jridu lista ta ħwienet bl-ismijiet biex jidentifikawhom wieħed wieħed.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li dik tista toħloq problema għaliex l-isem tal-ħanut mhux bilfors jkun jikkorispondi mal-isem tal-applikazzjoni tal-permess u allura jaf ma jiġiex rilokat. Huwa qal li l-aħjar issir pjanta immarkata l-bankina u jidentifikaw liema huma il-ħwienet li għandhom *enchrocement*.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk ikun hemm rapport li xi ħanut qed jikser il-liġi fejn ser jiġi iċċekjat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemmek il-lands tiċċekkja. Huwa kompla jispjega illi peress li Lands kienu għaddew l-informazzjoni tal-imwejjed u siġġijiet u l-Lands allura huma qed jirreferuna għand id-DLG.

Id-diskussjoni tkompliet bejn il-kunsilliera.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab ukoll eżempju illi Lands ilna tlett snin ma nħallsuhom tal-kirja tal-art ta' Ġnien Sant'Anna u ilna dan iż-żmien kollhu nitolbuhom jibgħatulna l-invoices għal ħlass. Huwa qal li titlu tal-art kien sas-sena u anke hemm ċans li il-fondi tal-proġett ta' Ġnien Sant'Anna ma noħduhomx.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar spjega illi peress bħal issa ma għandniex il-kuntratt imġedded allura hemm ċans li l-fondi ma nirċivowhomx.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal li huwa għandu d-dubju tiegħu kemm il-ħwienet huma regolati bil-permess għaliex huwa spjega illi għat-talba ta' mwejjed u siġġijiet trid issir applikazzjoni mal-planning authority u qabel ma jinħareġ permess jkollom il-kummenti u l-approvazzjoni min-naħa tad-dipartiment neċessarju bħala Lands, MTA u anke Transport Malta.

Il-Viċi Sindku qalet li l-planning authority jkollom kollox mhux biss minn għandu l-*encrochment* imma minn hu regolazzat bil-liġi għaliex għalkemm l-ewwel issir applikazzjoni tal-*encrochment,* umbghad tinġieb il-liċenzja tal-MTA u finalment jinħareġ il-permess mill-planning authority.

Kien hemm qbil li nibgħatu nistaqsu l-Licensing unit tal-Planning Authority.

**50.2.2.16** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 49.2.2.12 fejn qal li għadna ma nafux l-ispeed limit ta' Triq il-Qaliet biex ngħamlu tabelli u marki tal-karreġjat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talbu tentative meeting għall 1 ta' Ġunju 2023. Huwa qal li hemm ċans illi il-karreġjata tidieq u anke il-marki tal-karreġjati jinżebgħu bit-*thermo plastic.*

Is-Sindku qal li din id-data ser tinbidel.

**50.2.2.17** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 49.2.2.13 jekk sarx xi progress fuq it-toroq tal-Bidni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ntbgħatet ittra lil Ministru Dalli.

Il-Kunsillier John B Camilleri qal li f'April kellhom jlestu ix-xogħol.

**50.2.2.18** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 paragrafu 49.2.2.15 fejn staqsa fuq il-fondi li qed jitolbu lura tal-LC Care 2019.

Il-Viċi Sindku qalet li kellmithom u qed jaħdmuh fuqha sabiex jatgħuna risposta.

**50.2.2.19** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 paragrafu 49.2.2.19 jekk wara Triq l-Iskal hux ser issir Triq La Sengle.

Is-Sindku qal li Triq l-Iskal għada mhux lesta. Huwa kompla jispjega li wara titlesta it-triq l-antika ta' Wied il-Għajn ser ssir Triq La Sengle.

**50.2.2.20** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 12 paragrafu 49.8.1 fejn staqsa meta ser jgħamlu l-pjanti fi Triq tal-Gardiel u Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-pagament tax-xahar li għadda għadu ma tħallasx u l-pagament ta' dan ix-xahar ma ġiex approvat mill-*contracts manager*. Huwa kompla jispjega li f'dan it-tlett xhur li ġejjin ser joħorġu ħafna tenders u fosthom hemm tal-ġonna.

Is-Sindku qal illi tkellem mal-Kunsillier John B Camilleri fejn il-Marsaskala Residents Network flimkien miegħu kellhom jiltaqgħu mal-Perit Albert Spiteri biex iħawlu xi siġar fi Triq Wied il-Għajn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal huma għandom il-ftehim li jħawlu mill-kurċifiss sat-Triq tal-Bidni fi Triq Wied il-Għajn però` jekk jifdal ix-xitel ma jaħsibx li ser jsibu xi problema li jħawlu ukoll fi Triq ix-Xatt. Huwa kompla jispjega li dawn għamlu ftejim ma TMalta u allura l-ewwel jridu jonorawh. Huwa spjega illi dawn ir-residenti qedin ġo inizjattiva illi dawk li issieħbu f'din l-inizjattiv ta' mixi u rota il-mili li jsiru jiġu msarfa f'siġar jisimha Innisjattiva Move.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal imma xorta il-kuntrattur ma għandux jkompli ma jgħamel xejn fil-konok.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk komplejniex nitkellmu mal-Parks forsi jiprovdulna is-siġar ta Ġuda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal kienu iddeċidew li ma jsirux għax iwaqqaw ħafna.

Id-diskusjoni tkompliet għaliex kull siġra twaqqa u lokalitajiet oħra jwaħluhom.

Kien hemm qbil illi l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Charlot Mifsud jerġu jtikelmu mal-ġardinar tagħna fuq is-siġar ta ġuda u jinfurmaw lil Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal i huwa għandu idejat ukoll ta' siġar bħal kunkwat.

50.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

50.3.1 **<u>Un/Loading space in Triq is-Salini (35/2103/23/I)</u>**

Is-Sindku qal illi il-ħwienet li ġew minflokk il-fanal restaurant qed jitolbu għal un/loading.

Kien hemm qbil li naċċettaw l-applikazzjoni għal un/loading.

50.3.2 **<u>Laptop/pc free Maintenance proposal</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħafna kunsilli qed jissieħbu f'din il-proposta sabiex ir-residenti jgħamlu manutenzjoni fuq il-pc's tgħahom b'xejn. Is-somma totali ser tkun €5000 exc vat. Huwa ser jiġu darbtejn fil-ġimgħa biex jiġbru il-pc's mingħand in-nies wara li jkunu għamlu ir-rikjesta il-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

50.3.3 **<u>Taghlim ghat tfal ghal dan is sajf 2023 (35/2068/23/I)</u>**

Is-Segretrju Eżekuttiv qal illi l-kors tat-TCTC tat-tfal mhux ser jkunu qed jiprovduh ġewwa Marsaskala iżda fir-Reġjun.

50.3.4 **<u>Le Polynesian memorial tal-fajtata (35/1999/13/I)</u>**

Is-Sindku qal li din proposta sabiex isir monument San Tumas taħt ir-railing viċin il-life guard bħala memorja tal-vapur li kien egħreq fi żmien il-gwerra. Huwa qal li l-Kunsill mhux ha jidħol fl-ebda spiża ħlief għal applikazzjoni tad-DNO.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jekk ikun hemm bżonn xi dawl jiġi mitlub qabel.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

50.3.5 **<u>Rikors ta Patrick Guntrip (35/1979/23/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija l-kawża tal-pompa tal-petrol fuq il-proposti addizzjonali li ġew mitluba ta' Triq Sant'Antnin fejn qal illi l-appell kien intefgħa kemm mill-Kunsill u kemm minn persuna oħra fejn qal li l-appell ġie deċiż li jerġa jmur lura fl-EPRT. Huwa kompla jispjega illi l-avukat tal-iżvilluppatur daħħal ir-ritrattazzjoni. Huwa qal li żewġ avukati tal-Kunsill f'din il-kawża Dr Saliba u Dr Bonello t-tnejn huma tal-fehma li l-Kunsill ma għandux għalfejn joħroġ madwar €7000 f'din ir-ritratazzjoni minħabba li kien hemm żball min-naħa tal-qorti għaliex id-deċiżjoni kienet fuq il-każ kollhu u mhux fuq il-fatt jekk il-Kunsill jistax jitqies bħala *objector* u t-tieni żball kienet fejn it-testimonjanza tas-Sur Camilleri ma kientx irreġistrata l-oġġezzjoni tiegħu fiż-żmien mitlub. Huwa kompla jispjega illi fuq l-appel tas-Sur Camilleri hemm biżżejjed bażi biex dan il-permess jerġa jmur lura għand l-EPRT.

50.3.6 **<u>Żona Bajja San Tumas (35/2069/23/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-komunikat tal-Membru Parlamentari s-Sur Ray Abela fejn qed jistaqsi għan-nom tar-residenti rigward jekk san Tumas hux ser issir żona għal għawm għal annimali u kif ukoll rigward żewġ blokkok tal-konkrit li tpoġġew ġewwa San Tumas.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ilha mill-bidu tal-leġislatura fl' 2019 li ilha taħdem sabiex Marsaskala tkun *dog friendly beach* fejn fil-preżent hemm waħda biss li hija ż-Żonqor fejn spjegat li mhux żona aċċessibbli sew għan nies speċjalment għal-anzjani. Hija kompliet tispjega li f'dak iż-żmien fejn hemm il-loġġoġ fi Triq is-Salini kienet ukoll *dog friendly beach* iżda wara li sar *sampling* tal-ilma ġiet identifikata bħala *bathing zone* u allura ġiet imneħħija minn *dog friendly beach*.

Il-Viċi Sindku qalet li bħal issa qed isir eżerċizzju madwar Malta u Għawdex sabiex jiġu dentifikati żoni li jistgħu jkunu *dog friendly beaches* u żoni li mhux tajbin għal għawm li jifforma parti mill-manifest elettorali. Hija qalet li hemm grupp ta' esperti fi ħdan id-dipartiment tas-saħħa, *water sampling unit*, dipartiment tal-annimal welfare u xi dipartiment ieħor.

Il-Viċi Sindku qalet li f'Marsaskala ġiet identifikata bajja f'San Tumas li diġà tiġi frekwentata minn sidien tal-annimali flimkien mal-annimali u jfisser li mhux ser jittieħed xejn minn dak li diġà qiegħed jintuża fil-preżent.

Is-Sindku qal li din ir-residenta kienet avviċinat lilu ukoll u meta kien staqsa lil-Segretarja Parlamentari s0Sinjura Alicia Bugeja Said din kienet talbitu sabiex jgħaddilha l-informazjoni u jirrisponduha b'mod uffiċċjali. Huwa kompla jgħid illi bħala Kunsill kellha wkoll tissispondieh b'mod uffiċjali.

Il-Viċi Sindku qalet li dawn għandhom studji u għand ma hemm xejn iffinalizzat u għad jrid jgħaddu anke parlament. Hija qalet li bħala Kunsill ser nkunu infurmati hekk kif l-affarijiet jkunu uffiċjalment ikkonfermati u għalhekk is-Segretarju Parlamentari ma setgħetx tgħaddi l-informazzjoni lil Kunsill. Hija qalet li ma hemmx raġuni li jitwaqqaf proċess sħiħ fuq complaint waħda meta wieħed jikkonsidra li 70% tar-residenti ta' Marsaskala għandhom pet, għaliex sar studju fuq dan ukoll.

Is-Sindku qal li skond dan il-komunikat hawn iktar minn ilment wieħed.

Is-Viċi Sindku qalet li f'dan il-każ issir petizzjoni ħalli jaraw naqra minn ma jixtieqx li ssir *dog friendly beach*.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa x'tgħamel bajja tajba għal annimali.

Il-Viċi Sindku qalet li m'hemm xejn għaliex jekk *bathing site* ma tkunx tajba għal għawm ma tkunx tajba għal annimali. Hija spjegat illi in-nies jistgħu jgħumu f'kull żona anke jekk tkun *dog friendly beach* iżda l-annimali jistgħu jgħumu biss ġo *dog friendly beach*. Hija spjegat li parti ser tiġi identifikata *dog friendly beach* u mhux il-bajja kollha.

Is-Sindku qal li anke tpoġġew żewġ konok tal-konkos li huwa ħaseb li huwa parti mill-proġett tal-Munxar.

Il-Viċi Sindku qalet li dawn tpoġġew bi żball u tneħħew.

Is-Sindku saqsija minn poġġa dawn il-konkok jekk hux min-naħa tagħhom.

Il-Viċi Sindku wiġbitu li mhux min-naħa tagħhom iżda mid-Dipartiment tal-Health.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa jekk ġiex identifikat il-parti li ser tkun *dog friendly beach.*

Il-Viċi Sindku qalet li għad ma hemmx il-parti identifikata u kif appena jkun hemm ser jiġi nfurmat il-Kunsill

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-konok tal-konkrit.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk ser tiġi dentifikata żona jew żoni oħra bħala dog friendly beach sabiex tkun tista tittieħed deċiżjoni mil-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li tajjeb l-ewwel nkunu ikkonsultati u mhux l-ewwel issir deċiżjoni umbgħad nkunu nafu.

Il-Kunsillier is-Sur John Schembri staqsa jekk hux ser jkun għaż-żwiemel ukoll.

Il-Viċi Sindku qalet li le għax diġà hemm fejn jinżlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx fuq li jkun hemm *dog friendly beach* oħra.

Il-Viċi Sindku qalet li din deċiżjoni tal-Kunsill fis-sena 2019 għalhekk hija bdiet taħdem fuqha

Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jridu jaraw fejn l-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li huwa mal-prinċipju jaqbel u San Tumas jaħseb li huwa addattat għaliex hemm bajja kbira.

Il-Viċi Sindku qalet li dan sar studju. Hija qalet li l-identified *beaches* lanqas biss tmessew, hija qalet ukoll li ħadu s-*sample* tal-ilma u anke raw skond l-aċċess għal klieb għaliex minn fuq ir-ramel ma jistgħux jinżlu u l-blat jrid jkun aċċessibbli tajjeb għal klieb, fejn anke is-sid irid jkollu aċċess biex jekk jiġri xi ħaġa jkun jista jinżel għal kelb.

Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku jekk dan huwiex l-istess proġett li hija kienet ħabret fuq il-facebook tagħha xi tlett xhur ilu.

Il-Viċi Sindku wieġbet li għandu x'jaqsam.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li s-*swimming zones* daħħluhom il-ġewwa imma qed jaħseb li ser jiklexjaw jekk anke ser tittieħed biċċa bħala *dog friendly beach* għalkemm huwa mhux kontra *dog friendly beach*.

Il-Viċi sindku qalet li flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa rigward dan.

Il-Viċi Sindku qalet li hemm il-mażri irreġistrat ma TMalta b'hekk ressquhom il-ġewwa.

Is-Sindku qal li għandhom jirrenġawhom.

Il-Viċi Sindku qalet li kellhu jsiru eżerċizzju sabiex dawk minn għandhom il-mażri mhux reġistrati jiġu reġistrati u filwaqt li dawk li huma reġistrati jitressqu il-barra però ma jistgħawx jinħarġu l-barra iktar mill-moll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal sabiex wara li jsir l-istudju talab lil Viċi Sindku tinforma lil Kunsill.

Is-Sindku qal li għandna nirrispondu billi ngħidu li kif appenna jkollna il-proposti ser jiġu diskussi fil-laqgħa

50.3.7 **<u>Laqgħa tal kumitat rigward Karnival tas-sajf (35/2016/23/I)</u>**

Is-Sindku qal li saret laqgħa flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier MaryRose Mifsud, fejn preżenta il-budget li ser jammonta għal total ta' €5500 u qal ukoll illi l-banda mhux ser tieħu sehem.

Is-Sindku qal li kif appena jiġi approvat il-budget jibdew jsiru il-laqgħat mal-Arts Council.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

50.3.8 **Attivita Beach Cleaning min Malta Tamil Association (35/2009/23/I)**

Is-Sindku qal li ikkomunikaw miegħu kominta` Indjana u laqqahom mal-Kunsillier John B Camilleri għaliex ser jgħamlu *clean up* in-naħa ta' San Tumas fejn kien hemm il-caravans li ser issir fl-4 ta' Ġunju 2023 u ser niprovdulhom boroż u ingwanti. Huwa qal li nistgħu namalgawama ma' Jum L-Ambjent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ser jistaqsijhom jew jixtiequx li jinvolvu iktar barranin magħhom.

50.3.9 **Inċident fi Triq La Sengle Klejm fuq il-vettura (35/199/23/I):**

Is-Sindku qal li din il-persuna qed tgħid li laqat il-mera u l-bieba mal-*u shaped barrier* li hemm quddiem residenza fi Triq La Sengle. Huwa kompla jgħid li biex jolqot il-bieba tant kien qed isuq mal-ġenb li kieku kien hemm persuna mixja fuq il-bankina kien jolqtu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camiller qal li fir-rapport hemm żball għaliex hu qed jgħid li laqgħat il-mera tax-xelluq meta l-u shaped bollard tiġi man-naħa tal-lemin.

Il-Kunsill ma qabilx li jingħata rifużjoni għaliex kien qed isuq wisq viċin il-bankina u li kieku kien hemm xi ħadd mixi fuq il-bankina kien jolqtu meta kellhu spazju biżżejjed fejn isuq u r-rapport qiegħed ħażin għaliex dik it-triq hija *one way* u l-bollard hija fuq il-bankina tal-lemin u qatt ma setgħa jolqot il-mera tax-xellug.

50.3.10 **Coastal Erosian:**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, iltgħaqu mal-Perit Buhagiar rigward Il-*Coastal Erosion* flimkien ma` Esperti barranin fuq il-ħsara li qed isir fuq il-blat għaliex il-baħar qed jiekol kollox.

50.3.11 **Project Green Ġnien Sant'Anna:**

Is-Sindku qal li kellhu laqgha mas CEO Steve Ellul minn Project Green rigward it-tkomplija tal-fencing fi Ġnien Sant'Anna, bl-assistenza tas-Sur Adrian Attard fejn ġie fuq il-post u ġie stabbilit li hemm bżonn il-fuq minn 200 metru fencing tal-injam biex il-ġnien ikun komplut.

50.3.12 **Laqgħa MCC għall-istrateġija fil-Kunsill Lokali:**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew laqgħa MCC għall-istrategija fil-Kunsilli lokali f`gheluq it-tletin sena.

50.3.13 **Laqgħa r-Reġjun:**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew laqgħa r-Regjun rigward l-impatt soċjali viz-a-viz l-Kunsilli Lokali kif aħna nimxu man-nies.

50.3.14 **Caravan Site ġewwa l-Inwadar:**

Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud iltaqgħu darbtejn mal-Ministru Owen Bonnici, l-Ministru Bartolo u Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli, f'żewġ laqgħat differenti rigward area allokata għal caravans fl-Inwadar. Huwa qal li fil-laqgħa qalulhom li aħna mhux ser inmorru kontra l-by law tagħna billi naċċettaw caravans fil-Bajja ta' San Tumas u matul il-kosta. Huwa qal li staqsewna jekk hemmx xi postijiet pubbliċi fejn aħna infurmajnihom li ma kienx hemm u allura saqsew jekk insibux oġġezzjoni li ssir caravan site fl-inwadar. Huwa kompla jispjega li infurmawhom illi l-inwardar ma jaqax taħt ir-responsabilita tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li issuġġerixxew lil jitkellem kemm mas-CEO tal-Projects Green u kemm mac-Chairman tal-bord tal-Inwadar u wara jerġgħu jkellmuna. Huwa kompla jispjega illi din il-by law il-ġdida ser tapplika biss bejn l-1 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Settembru u dawn jridu jiġu jgħamlu permess il-Kunsill u jkun massimu ta' 7 'ijiem għal ħlas ta €10 kulljum. Huwa qal li dawn l-erbgħa xhur li ġejjin mhux ser ikun hemm *sanitary facilities* u fejn jiddisponu mill-iskart umbgħad mis-sena id-dieħla jaraw. Huwa spjega ukoll li bħala DNO ser issir applikazzjoni waħda mill-Perit għall-Kunsill kkonċernati kollha inkluż dak tagħna allura il-Kunsill mhux ser jidħol fi spejjeż.

Is-Sindku kompla jispjega illi rigward l-iskart ser jkellmuhom sabiex jibdew jisseparaw l-iskart mit-Tnejn sal-Sibt skond l-iskeda domestika Nazzjonali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jkunx sorpriż lil r-Reġjun jitolbu ħlas addizzjonali tal-ġbir tal-iskart.

Is-Sindku qal li il-kollettur tal-iskart bħal ma jiġbor l-iskart San Tumas jiġbor ukoll ġewwa l-Inwadar.

Is-Sindku qal li dawn jkunu jridu jiġu l-Kunsill jgħamlu permess u jekk jkun hemm *enforcement* għaliex ma jitneħħewx il-multa hija bejn €100 u €500, u għal kull ġurnata li jibqa jħallih hemm jeħel €50 extra u ssir mill-Puluzija, Lesa jew l-uffiċjali tal-komunita`.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li importanti li jkollhom fejn ibgħatlu l-ilma tal-ħwejjeġ għaliex jispiċċaw jarmuh fuq il-blat u jrid jitbattal kuljum.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk jafux kemm ser tittieħed art għaliex l-Inwadar kellhu jkun proġett ta' Forestazjoni.

Is-Sindku qal li għadna ma nafux.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li minn qed jieħu ħsieb jaf il-multi kemm ser jkunu. Jafu fuq minn ser japplika DNO u anke kemm ser jkunu l-permessi iżda ma jafux kemm ser tittieħed art.

Is-Sindku qal li għalhekk qalluhom biex jikkomunikaw mal-Inwadar ħalli jgħidulna kemm ser tittieħed art.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk ipotetikament din l-art tingħata għal-iżvillup jekk il-Kunsill ikollux dritt jitkellem.

Is-Sindku qallu li nistgħu nitkellmu.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk bħala management committee tal-Inwadar li jifforma parti minnhu hu kienux jafu kemm ser tittieħed art.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li però xorta nistgħu noġġezzjonaw.

Is-Sindku qall i kif tista toġġezzjoni meta il-Gvern jrid jsib soluzzjoni ta' dawn il-caravan sites.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qall li fil-manifest elettorali l-Inwadar ma issemmiex bħala caravan site iżda issemmew il-Mellieħa u Baħar iċ-Ċagħaq.

Is-Sindku qal li huwa ma jaħsiebx li ser ssir fejn ser isir il-forestazzjoni. Huwa qal li lanqas nafu jekk hux qrib it-torri jew wara it-torri, u jekk isiru wara it-torri lanqas jiġu fil-konfini tgħana.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ried jiddikjara li bħala prinċipju huma ma jaqbiliex li l-Inwadar naqilbu parti minnhu bħala caravan site.

Il-Viċi Sindku qalet li hija pretendiet li minn mar jikkonsulta kienet l-ewwel mistoqsija li kellha ssir kienet fejn ser isir u kemm ser tittieħed art.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud reġa ikkonferma illi qablu li l-ewwel jikkonsultaw ma minn hu responsabbli mill-Inwadar jaraw l-area fejn hi u jinfurmawna bl-andament.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li huma fl-ebda ħin ma ikkomettew ruħhom.

Is-Sindku qal ukoll illi issa lanqas camper ma jista jipparkja fejn irid avolja bil-magna imma jrid jipparkja ġo *designated area*. Huwa kompla jispjega illi fid-*designated area* biss ser jkunu jistgħu jipparkja kemm campers u kemm caravans.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fejn ser jipparkjaw fix-xitwa jekk ser ikun permessibli biss għas-sajf.

Is-Sindku wieġbu illi l-Gvern qed jaħseb biex fix-Xitwa jkunu fil-kampanja x' imkien ieħor.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jaqbel fil-prinċipju li jkun hemm area allokata tal-campers u caravans fl-inwadar. Huwa kompla jgħid li jixtieq jkun jaf kemm ser tittieħed art u anke jħoss li huwa importanti li dan ikun proġett maħsub u maħdud id f'id ma dak li hemm proġettat fl-Inwadar. Huwa kompla jgħid li l-importanti li jkun sigur li ma jkunx l-ewwel pass sabiex l-area tiġi żviluppata u ma tibqax fl-istat naturali tagħha li li jibqa il-ħsieb li l-inwadar jibqa kif kien pjanat.

Is-Sindku qal li aħna ma qbiliniex li jingħata permess għal ġurnata.

50.3.15 **<u>Laqgħat</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Charlot Mifsud u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri attendew għal-jum taċ-ċelebrazzjoni fiż-żewg skejjel ewlenin fil-lokal.

50.3.16 **<u>European Council Against Drugs:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew konferenza nteressanti ħafna tal-ECAD organizzata mill-AKL.

50.3.17 **<u>Sistema tat-Transport Pubbliku:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew laqgħa mat-TMalta Perit Godwin Fenech u s-Sinjura Cyntia Fiteni flimkien ma esperti barranin u Kunsilli mir-Regjun tan Nofsinhar rigward l-proġett Sulp and Samp fejn ser jkun *circulation bus* li ser tgħaddi minn Bellavista, Blajjiet u tkompli bir-rotta sabiex tiġbor in-nies u tniżżilhom it-terminus.

50.3.18 **<u>Ordinazzjoni tas-Saċerdoti:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud attendew għall-ordinazzjoni saċerdotali ta` Fr. Gylan u Fr Clive u għaddew wkoll tiftira minn-naha tal-Kunsill.

50.3.19 **<u>Laqgħa fuq Traffic Assessment</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifusd attendew konferenza fuq Traffic assessment on the Maltese islands. Huwa qall li pproponew sistema ta transport bil-baħar li jibqa sejjer sal-belt meta jippermetti t-temp.

50.3.20 **<u>Laqgħa Douzelage</u>**:

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u s-Sinjura Rebecca Micallef kellhom laqgħa on line ma Maria minn ġewwa Granville fi Franza fejn iddiskutew il-Kultura u t-Turiżmu bħala parti mill-proġetti tad-Douzelage.

50.3.21 **<u>Prima Messa Viċi Kappillan:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri u s-Sur Charlot Mifsud attendew ġewwa il-Kalkara għall-Prima Messa tal-Vici Kapillan il-ġdid Fr. Clive Seychelle.

50.3.22 **<u>Sħubija tal-Gal Xlokk 2023-2027:</u>**

Is-Sindku spjega illi l-fee tgħana hija ta' €500 kull Kunsillier li tammonta għal €4500 għal perjodu 2023 sa 2027. Huwa kompla jispjega li talab li il-pagamenti jinqasmu f'darbtejn fejn din ġiet aċċettata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jibgħatu komunikat iktar dettaljt dwar dan fejn parti ser titħallas sa November 2023 u it-tieni pagament jitħallas sa Diċembru 2026.

Il-Viċi Sindku staqsiet f'inhu l-użu li jitħallas għal kull Kunsillier meta mhux kull Kunsillier huwa parti mill-Gal Xlokk

Is-Sindku spjega li huwa jirrappreżenta il-Kunsilli għal proġetti u fondi li jinġiebu għal-lokalita`.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk bħala Kunsilliera jistaqx jattendew il-laqgħat peress li din is-sena il-fondi mhux ser ikunu biss fuq Kultura iżda anke fuq animal welfare u kultura.

Is-Sindku qal li jekk ikun hemm xi proġett li l-Viċi Sindku tixtieq tapplika għalih għanda tgħidilna u bla dubju tista tattendi.

Is-Segrtearju Eżekuttiv qal li hemm bżonn li jiffirmaw id-dikjarazzjoni tas-sħubija.

50.3.23 **<u>AGM f'Malta:</u>**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma Servizzi Ewropej f` Malta rigward il-fondi ghall-AGM tad-Douzelage li ser ssir f`Malta fl-2025 għaliex din tinvolvi f'ħafna spejjeż u anke wieħed irid jara fuq liema suġġetti ser jaħdmu bħala workshop. Huwa qal illi huwa tal-opinjoni illi t-tema tkun fuq Vjolenza Domestika, fejn fosthom jiġu involuti Puluzija u Avukati flimkien ma' membri mill-ġudikatura.

50.3.24 **<u>Laqgħa Grupp tal-Intergration</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li għamlu laqgħa rigward l-integrazzjoni flimkien mal- Friends of Marsaskala u rappreżentanti Ġermaniżi, mill-Peru, Indjani, Eġizzjani u anke Fr Victor u qal li ser jinħoloq Sotto Kumitat u anke nkunu nistgħu ninvolvuhom fl-attivitajiet. Huwa kompla jgħid li diġà għandu ideja kif jistgħu jinvolvijhom fl-attivita tal-Milied.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li huwa jistgħa jgħin f'dan is-sotto kumitat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li minn jixtieq jattendi għal laqgħat dejjem jista.

Kien hemm qbil li jifforma dan is-sotto kumitat.

50.3.25 **Parkeġġ tal-Iskola:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet jekk il-parkeġġ tal-iskola hux ser jibqa miftuħ il-ħinjiet kollha fil-ġranet tas-sajf.

Is-Sindku wieġeb li le għaliex fis-sajf xorta jkun hemm skola sajf. Huwa kompla jispjega illi sejrin tajjeb ħafna bil-parkeġġ fejn ir-residenti qed jikkooperaw immens.

**50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

**50.4.1 *Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Dr Patrick Camilleri Nru 026 – 18/5/23:***

*Nixtieq ukoll insaqsi jekk hemmx xi ħsieb jew sarx progress rigward l-immaneġjar tat-traffiku fl-area ta Bellavista u jekk hux possibli li triq iż-Zafran tiġi one-way, u l-karozzi jkunu jistgħu jitilgħu minnha biss kemm ghax dan jikkumplimenta id -direzzjoni tat-traffiku minn triq Sant Antnin kif ukoll għax triq iż-Zafran hija dejqa u sewwieqa li jkunu telgħin u neżlin minnha ma jarawx il-xulxin qabel ma jkunu vera qrib ta' xulxin.*

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li ta sikwit qed jkun hemm inċidenti il-parti id-dejqa li tagħti minn Triq Sant Antnin għal Triq iż-Żafran u għanda tiġi one way titla minn Triq Sant'Antnin. Huwa kompla jispjega li din għandha tiġi amalgamta mal-mozzjoni li ser jressaq sabiex it-traffic lights ta' quddiem l-Inspire jiġu *timed*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġà tkellem mal-Viċi Sindku u ser jikkomiunika ma TMalta sabiex naraw minn fejn jgħaddi t-trasport pubbliku u l-*coaches* tal-iskola ħalli jsir *traffic management* kif suppost. Huwa kompla jispjega illi peress li Bellavista hija *highly densed populated* u kull ma hemm 2 toroq għad-dħul u ħruġ dawn għandhom jibqu *two way.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri li meta tkun ħiereġ mill-parti id-dejqa u triq taqsam biex tmur direzzjoni Ħaż Żabbar hija ferm perikoluża.

**50.4.2 *Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Dr Patrick Camilleri Nru 027 - 18/5/23:***

*Nixtieq inkun naf jekk sarux żviluppi rigward iż-żieda tat-trasport pubbliku speċjalment filgħodu kmieni qabel 8am meta l-ammont ta' nies li jużawh ikun konsiderevoli.*

Is-Sindku qal li din tkellem fuqha iktar kmieni u meta jsir il-*hub* l-affarijiet ser jkunu differenti. Huwa kompla jispjega illi tal-lija ser jkunu kollha ħdejn it-*terminus* u jkun hemm *circular van* jdur ma' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal jridu jsiru sinjali li minn ikun ġej mill-Bidni jdur għal Triq iż-Żafran u minn ikun dieħel Triq iż-Żafran jkun infurmat li ma jistagħax jinżel.

Kien hemm qbil dwar dan.

**50.5 Rapporti:**

**50.5.1 KLM 2022/05 Tender for upgrading of soft flooring and gym equipment of an area within Gnien San Tumas Matsaskala including pavement works and street furniture using environmentally friendly materials and practices.**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi tkellem mal-LESA fejn kien spjegalu li ser jkollna nwaqqu din l-offerta għaliex ma kellniex biżżejjed fondi skond l-offerta li kien issottometta l-uniku bidder li kien compliant f'kollox.

Huwa kompla jispjega illi Lesa qalulu verbalment illi għandna inkomplu għaddejjin bl-aġġudikazzjoni u ser jgħinuna finanzjarmanet dejjem jekk l-offerent għandu dispost li jiġi aġġudikat din l-offerta bl-istess ammont peress li laħaq għadda żmien sostanzjali u Lesa ser jippruvaw jiffinanzjaw sa 80% tal-offerta.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ħareġ mill-laqgħa 8.53pm***

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta lil Urban Play Solutions Offer ID 184192 u l-Kunsillier is-Sur John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.**

**50.5.2 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien hemm emendi żgħar ħafna u ġew aġġustanti u anke il-pużizzjoni finanzjara tal-Kunsill baqgħet l-istess.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-aġġustament tal-Financial Statements 2022 u l-Kunsillier is-Sur John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.**

**50.6 *Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm

**50.7 *Korrispondenza:***

**50.7.1 Rikors ta' Patrick Guntrip, detentur tal-karta tal-identita numerata 0278475M (35/1933/23/I)**

Din diġà ġiet diskussa iktar kmieni f'din is-seduta

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li l-ispiża hija kbira biex il-Kunsill jwieġeb għal din ir-ritrattazjoni. Huwa qal id-deċiżjoni tal-appell kienet li jerġgħu jmorru lura l-EPRT.

Is-Segretarju Eżekuttiv li apparentament l-iżvillupatur ma kienx kuntent bid-deċiżjoni tal-appell u traminte l-avukat tefgħu ir-ritrattazjoni.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar spjega li ritrattazjoni hemm żewġ fatturi fejn il-qorti l-ewwel tara jekk hemmx bażi bijjeżed biex jsir is-smigħ mill-ġdid tal-appell umbgħad it-tieni fażi tkun is-smigħ mill-ġdid tal-appell. Huwa spjega illi jekk il-qorti jekk tilqa r-ritrattazjoni jfisser li ser jerġa jsir is-smigħ tal-appell mill-ġdid u mhux bilfors tinbidel id-deċiżjoni tas-sentenza. Huwa qal jekk il-qorti ma tilqax ir-ritrattazjoni is-sentenza li ingħatat fuq l-appell tibqa l-istess.

Il-Kunsillier John B Camilleri staqsa fuq liema bażi issir ir-ritrattazzjoni.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li hemm diversi bażi fuq xiex titlob ritratazzjoni.

Is-Segrtarju Eżekuttiv qal li skond iż-żewġ Avukati li qed jirrappreżentawna qalulna illi l-bażi fuq xiex qed jitlob ir-ritrattazzjoni huma tajbin.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li allura noqgħodu fuq il-pariri legali tal-Avukati tagħna u l-Kunsill ma jidħolx għar-ritrattazjoni

**50.7.2 Write off May 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-lista ta write offs *ta'electronic equipment* kif ukoll xi bords li huma dawn:

| | |
|---|---|
| KLM1548 | pc tower |
| KLM1181 | PC tower |
| KLM1527 | ups |
| KLM1405 | PC tower |
| KLM1406 | printer |
| KLM822 | pc monitor |
| KLM1091 | PC monitor |
| KLM000333 | Notice boards tas-sufra |

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**50.7.3** **<u>Reply to your letter dated 26th April 2023 concerning pedestriaan crossing in Triq il-Qaliet (35/1886/23/O)</u>**

Is-Sindku qal li is-Sur Haig kien qed jitkellem fuq iz-zebra crossing ħdejn il-JS IRonmongery fi Triq il-Qaliet għaliex qabel kienet humped u meta saret ma reġegħtx saret humped.

Il-Kunsill qabel li niċċaraw sew mas-Sur Haig illi qed issir referenza għal dan il-każ biex inkunu ċerti li ma hemmx żball peress li konna qed nitkellmu ukoll fuq iz-zebra crossing ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas u terġgħu titressaq fil-laqgħa li jmiss.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John Schembri u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsdu ħarġu mill-laqgħa 9.09pm***

**50.7.4** **<u>Public Consultation in relation to the terms of reference for an environmental impact assessment for PA00437/23 (35/1744/23/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħala pjanti u dokumenti intbgħatu email għaliex ma setgħux jiġu printjati.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li il-pjanti u dokumenti intbgħatu tard u ma kienx hemm ħin biżżejjed sabiex jevalwaw il-materjal. Huwa qal li qara id-*development brief* fejn hemm affarijiet li jinkwetawh bħall impatt tat-traffiku li ser jkunu hemm fl-area u anke ser jneħħu it-triq li hemm bejn il-Jerma u t-Torri u mhux ser jsir it-tunnel. Huwa personali qal li ma jaqbiliex li jkun hemm dawk l-appartament kollha iżda peress li hija fuq id-*development brief* hija każ magħluq iżda li jieħdu it-triq u jiddevjaw it-*traffic* kollu li diġà hemm u dak li ser jiżdid mat-Torri u għaldaqstant it-*tunnel* huwa importanti li jsir u fuq jibqa pedonali. Huwa kompla jispjega illi fil-preżent diġà hemm *tunnel* u allura jekk ser jieħdu triq iħallu t-*tunnel.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li fid-*development brief* ser jinqalgħu ukoll is-servizzi kollha mill-ġdid u hemm ħafna toroq li ser jiġu affettwati.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li l-Kunsilli għandu jisħaq u jinsiti illi t-traffiku jibqa jiċċirkola. Huwa kompla jgħid illi tajjeb li ser jkun hemm *car park* iżda iċ-ċirkolazjoni tat-traffiku hija essenzjali.

Il-Kunsillier John B Camilleri qara paġna 29 tad-dokument fejn qara illi *the road links can only be improved by drastic actions such as removal of all street parking* fejn hu qal illi l-parkeġġ ser jipiċċċa minn Triq is-Salini u dan a skapitu tar-residenti. Huwa kompla jaqra li semmew Triq il-Miġbħa u Triq il-Maqsab

Is-Sindku qal li ser ikun hemm madawar 14,000 metru kwadru ta open space.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa jaqbel mal-*open space* però it-tunnel huwa importanti li ser jkun dak l-*open space* jfisser li la ser jkun hemm iktar nies, ser ikun hemm iktar karozzi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li meta saret il-Jerma 40 sena ilhu u l-ammont ta' residnti li kienu jgħixu ġo Marsaskala kien ħafna inqas minn dak tallum kellhom triq aħseb u ara kien huwa iktar bżonjuż illum il-ħtieġa li jekk mhux ser jkun triq jkun hemm tunnel.

Is-Segrtearju Eżekuttiv qal li meta kellhom laqgħa mal-iżviluppatrui kienu qalulhom li it-triq ta' bejn it-torri u l-Jerma hija tagħhom u saret għaliex ridhu huma dak iż-żmien l-iżvilupaturi.

Is-Sindku kkonferma dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li mhuwiex minnu li it-triq hija tagħhom għaliex ikkwota paġna 17 fejn hu immarkat roża fejn hija indikata bħala art tal-gvern.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa għandu amment illi fejn hemm l-entratura fil-preżent hija *encroached* fuq art tal-Gvern

Kien hemm qbil li niktbu lil Planning illi la fejn hemm it-triq fil-preżent ser tkun parti mill-*open sapce* għandu jsir tunnel ħalli it-traffiku jibqa għaddej.

50.7.5 **<u>Talba ghal road hump (triq li tghati qalb l-gheliqi bejn Triq Haz Zabbar c/w Triq il-Blajjiet u Triq San Anard</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talbu sabiex issir road hump li triq tgħati bejn l-għelieqi
Li tiġi faċċata ta' Triq il-Bidni u tibqa sejra sa fejn il-gunpost.

Kien hemm qab li napplikaw.

50.7.6 **<u>Progression tas-Sinjorina Chantel Zammit minn Skala 11 għal Skala 10 point 4</u>**

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

50.8 **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

50.8.1 Is-Segrtearju Eżekuttiv informa lil Kunsill illi l-pagament tas-seduta li għaddiet Nru 4848 tal-Progressive Solutions Ltd għandu pendenti u ma ġiex imħallas għaliex baqa ma provdiex id-dokumenti mitluba, filwaqt li l-pagament ta' dan ix-xahar ma ġiex ippreżentat għaliex il-*contracts manager* ma approvahx għax baqa ma ipprovdiex id-dokumenti mitluba.

50.8.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-pagament li ser jinżamm huwiex pagament nru. 4921.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dak huwa tal-istreet sweeping mentri il-pagament li lanqas ġie ippreżentat fil-pagamenti huwa tal-parks and gardens.

Il-Kunsillier staqsa jekk ix-xogħol tal-istreet sweeping hux qed jsir.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li hemm iċ-ċertifikazzjoni tal-Contracts Manager.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk hemmx records u talab lista t-toroq u qal li ħden il-JS Ironmongery Triq il-qaliet hemm bżonn li jinkines.

***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

50.9 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

50.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – Dr Patrick Camilleri u issekondata mis-Sindku (138 – 18/05/23):</u>**

*"Jipproponi sabiex it-traffic lights fi triq Sant Antnin hdejn l-Inspire/ ir Razzett tal hbiberija jigu ipprogrammati biex jaqilbu wahedhom bil-ħin ħalli r-residenti u n-nies li jridu jinżlu minn jew jitilgħu lejn Bella Vista ikunu jistgħu jagħmlu dan b'inqas sogru ta' incidenti biswit il-bustop fl-istess triq imsemmija li dan l-aħħar żdiedu."*

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li apparti li jsiru times traffic lights Triq Sant'Antin quddiem Triq il-Ġemmgħua issir junction box ħalli ħadd ma jieqaf f'nofs it-triq

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan

50.9.2 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – Is-Sur Mario Calleja (139 – 18/5/23):**

*"Jipproponi sabiex taħt il-leisure park ta' San Tumas fejn hemm il-blat u r-ramla jsir no camping and gazebos."*

Kien hemm diskussjoni rigward din il-mozzjoni u ġiet irreferita għal *legal notice* li teżisti.

Din il-mozzjoni ġiet irtirata peress li hemm il-*legal notice*.

50.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – Is-Sur John B Camilleri (140 – 18/5/23):**

*"Jipproponi sabiex is- CCTV camera stand alone li hemm triq il blajjiet hdejn l-iskips inwaħluw ħdejn il Kappella Tal Bidni."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għaliex l-istand alone camera kienet tneħħit.

50.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.40pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn26 ta' Ġunju 2023 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 25 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |